# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 24 ta' April 2025**

**Rikors Nru. 226/2025**

**Kroll Trustee Services Limited**
**rappreżentata mill-mandatarju speċjali**
**l-avukat Louis Cassar Pullicino**

**v**

**Il-bastiment 'M/V Jay 2'**

**Daħla**

1. Permezz ta' rikors tas-6 ta' Marzu 2025, Kroll Trustee Services Limited ("Kroll") talbet l-approvazzjoni tal-qorti għall-bejgħ privat tal-bastiment M/V Jay 2 (il-"bastiment") lis-soċjetà Investorprosjekt 460 AS (il-"Kumpratriċi") għall-prezz ta' €16,380,000 u dan skont it-termini u l-kundizzjonijiet fil-*Memorandum of Agreement* datat 6 ta' Marzu 2025 (l-"MoA"). Talbet ukoll ordnijiet konsegwenzjali.

**Sfond**

2. Kroll għandha titolu eżekuttiv kontra l-bastiment għall-ammont ta' US$65,742,893 (ekwivalenti, jingħad fir-rikors, għal €60,652,420.80). Is-sidien tal-bastiment ma ħallsux l-ammonti dovuti skond il-ftehim relevanti u għalhekk ittieħdu l-passi meħtieġa biex it-titolu sar eżegwibbli. Wara li titolu sar eżegwibbli, il-bastiment ġie arrestat u saret talba għall-

bejgħ tiegħu bl-irkant. L-irkant seħħ fit-2 ta' Ottubru 2024, iżda l-aħjar offerent – li offra €18,000,000 – ma ddepożitax il-prezz, biex b'hekk il-bejgħ ma seħħx.

3. Wara, Kroll talbet lil din il-qorti tawtorizża l-bejgħ privat tal-bastiment lilha stess, bħala kreditriċi eżekutanti, għal prezz li kellu jitqies imħallas bi tpaċija kontra l-ammont dovut lill-istess Kroll. Din it-talba ġiet irtirata wara d-deċiżjoni, mogħtija fit-3 ta' Diċembru 2024, fil-proċeduri Rik. 1188/2024 *Kroll Trustess Services Limited v Il-Bastiment M/V Jay 1*.

4. Kroll tgħid li bdiet tqis il-potenzjal biex issib xerrej fis-suq privat, bil-ħsieb li tiġi applikata l-proċedura ta' bejgħ approvat mill-qorti skont l-artikoli 358 sa 364 tal-Kap. 12. Ippublikat avviż fil-pubblikazzjoni *Tradewinds* u għamlet kuntatt ma varji *brokers*. Tgħid li sabitha diffiċli li ssib offerta tajba, u li xi offerti li saru kienu baxxi, u ġew anki rtirtati. B'danakollu, Kroll tgħid li sabet offerta għall-bastiment għall-prezz ta' €16,380,000 u tgħid li din l-offerta hi ogħla mill-istimi li tressqu flimkien mar-rikors (Dok J-006 u Dok J-007).

5. Bħala persuni potenzjalment interessati f'din il-proċedura, Kroll semmiet lil-sidien tal-bastiment (Goldfinch Shipping 2 Ltd), id-Direttur tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta u, f'paragrafu separat, żewġ entitajiet oħra, Degroma Trading Inc u Egyptian Tanker Company, li, fuq talbiet tagħhom, kienu inħarġu mandati ta' arrest fuq il-bastiment. Kroll żiedet li għalkemm ir-rikors kellu jiġi mgħarraf lil dawn l-entitajiet, dan il-fatt m'għandux jitqies bħala rikonoxximent min-naħa tagħha li dawn veru huma "partijiet interessati" kif trid l-liġi, wisq anqas rikonoxximent tal-pretensjonijiet tagħhom.

6. Il-bastiment, f'risposta dettaljata, qal li ser 'jirrimetti ruhu ghat-talbiet tal-Kreditur Ezekutant' b'riżerva kontra terzi għad-danni.

7. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta ma jidhirx li daħħlet risposta.

8. Degroma Trading Inc ("Degroma") qiegħda topponi l-bejgħ. Ressqet il-pożizzjoni tagħha permezz ta' risposta tal-25 ta' Marzu 2025, nota tal-1 ta' April 2025 u nota oħra tal-15 ta' April 2025; u kif ukoll permezz tat-trattazzjoni li nstemgħet fis-26 ta' Marzu 2025 u fit-3 t'April 2025.

9. Egyptian Tanker Company ("ETC") issostni li l-bejgħ kif propost mhux fl-interess tal-kredituri kollha. B'danakollu, ħalliet id-deċiżjoni f'idejn il-qorti, b'dan li '...qed jiġi sssugerit li din l-Onorabbli Qorti għandha teżerċita kawtela kbira...'. Dan għaliex, skond

ma tgħid ETC, il-kreditu hu dubjuż, u l-Kumpratriċi u s-sid attwali huma kumpanniji tal-istess sidien aħħarija; u, fil-fehma tagħha, dan jindika li hemm attentat biex il-kawtela ta' ETC tinġieb fix-xejn.

**Il-kontestazzjonijiet**

10. Kroll wriet li għandha titolu eżekuttiv. Dan mhux kontestat. Kif ġa rajna, eżebiet ukoll żewġ stimi. Dawn ukoll ma ġewx kontestati. Lanqas hu kontestat li l-prezz offrut hu wieħed raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.[1]

11. Li tgħid Degroma hu li, għalkemm il-prezz hu ogħla mill-istimi, il-bejgħ xorta m'għandux jiġi approvat. Dan għaliex, skont Degroma:

    a. Il-partijiet għall-MoA ma jistgħux jimplimentawh; jew

    b. Il-bejgħ mhux fl-interess tal-kredituri kollha.

12. ETC tgħid li għalkemm il-prezz offrut hu ogħla mill-valuri mogħtija mill-istimaturi u għalkemm jidher li ġiet segwita l-proċedura korretta, il-prezz mhux ser ikopri l-pretensjonijiet kollha kontra l-bastiment, inkluża dik tagħha, u li hemm suspetti li l-arranġamenti bejn is-sid tal-bastiment (Goldfinch Shipping 2 Limited) u Kroll huma attentat biex kredituri leġittimi jiġi preklużi milli effettivament jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom kontra l-bastiment (para 7 tan-nota ta' ETC).

13. Tgħid li dawn is-suspetti isiru iżjed b'saħħithom meta jitqies li 'jidher li hemm konnessjoni bejn [il-Kumpratriċi] u ... Goldfinch Shipping 2 Ltd, fejn is-sidien benefiċċjarji tagħhom huma l-familja Mangos ta' Interunity Group' (para 8 tan-nota ta' ETC). ETC tkompli tgħid li dan ifisser li (i) x-xerrej propost hu, fl-aħħar analiżi, is-sid preżenti; (ii) li meta jinfetaħ il-konkors tal-kredituri, Kroll 'ser ikaxkru r-rikavat kollu tal-bejgħ'; u (iii) konsegwentement, ETC titlef il-kawtela li għandha. Kompliet tgħid, anki b'referenza għal deċiżjoni li ser titqies 'l quddiem, li għalkemm ma hemm xejn li jipprekludi lis-sid ta' bastiment li jixtri l-bastiment tiegħu stess 'm'hemmx dubju li s-soċjeta esponenti ser tkun ippreġudikata b'dan l-aġir meta titlef il-kawtela li għandha' (para 11 tan-nota ta' ETC).

[1] Ara nota ta' Degroma tal-1 t'April 2025, paras 3 u 4

*L-MoA u l-kwistjoni tal-prokura*

14. Tressqet kopja ta' ordni tal-Qorti Kriminali ta' Istanbul bħala Dok B mar-risposta ta' Degroma (paġna 253). Din tidher li tgħid li " ... *the court has decided to seize the vessels of JAY1 ... and JAY2 ...*" u li kellha ssir "*...a non-transferable and non-saleable annotation in the ship registry of these vessels ...*", liema reġistru jidher li jinstab fil-Marshall Islands. Skont kopji ta' dokumenti mressqa minn Degroma jidher li l-awtoritajiet fit-Turkija talbu lil dawk fil-Marshall Islands u f'Malta biex jagħtu effett lil din l-ordni (ara paġni 255 u 293). Ma hemm ebda prova li t-talbiet intlaqgħu.

15. F'kull każ, dak li tgħid Degroma mhux tant li l-ordni għandha xi effett barra t-Turkija u, b'mod partikolari, f'Malta, iżda li, għaliex teżisti l-ordni, l-partijiet għall-MoA ma jistgħux jagħtuh effett. Dan, skont Degroma, hu għaliex il-klawżola 18.2 tal-MoA tgħid li kull parti qiegħda tagħti garanzija lill-oħra li ma hemm ebda projbizzjoni li twaqqaf, jew tagħmel illegali, it-twettiq tal-obbligi skond l-MoA; mentri, fil-fatt, projbizzjoni teżisti. Degroma tgħid ukoll li Kroll qiegħda taġixxi f'isem is-sid tal-bastiment permezz ta' prokura mogħtija fil-*mortgage deed*.

16. Dawn l-oġġezzjonijiet ma jiswewx. Jekk il-qorti tilqa' t-talba għall-bejgħ privat, tkun qiegħda tagħmel hekk għaliex tqis li l-kondizzjonijet fl-artikoli 358 – 364 tal-Kap. 12 huma soddisfatti. Hu minnu li tkun b'daqshekk qiegħda tawtorizza l-bejgħ privat lill-Kumprartiċi skont il-prezz miftiehem fl-MoA. Iżda mhix funzjoni tal-qorti li, ħlief għall-prezz miftiehem fih, tapprova l-MoA, wisq inqas li tara li l-partijiet joqogħdu, jew li jistgħu joqgħodu, ma dak il-ftehim.[2] Dik hi r-responsabbiltà tal-partijiet.

17. Lanqas hu minnu li Kroll qiegħda, f'dawn il-proċeduri, timxi bi prokura mingħand is-sidien tal-bastiment. Kif jirriżulta ċar mir-rikors tas-6 ta' Marzu 2025, Kroll qiegħda taġixxi f'isimha, u mhux f'isem is-sidien. Jiżdied ma' dan li fi proċeduri bħal dawn hu l-kreditur li jista' jitlob il-bejgħ, mhux id-debitur. Li kieku Kroll kienet qed taġixxi f'isem is-sidien, it-talba, li allura kienet tkun tad-debitur, kien ikollha titqies nulla.

---

[2] Dan jgħodd bl-istess mod għall-argumenti ta' Degroma imressqa f'para. 3 – 6 tan-nota tal-15 t'April 2025.

*Dwar jekk il-bejgħ hux fl-interess tal-kredituri kollha*

18. Degroma tgħid li fi jew madwar it-18 ta' Jannar 2024 hi xtrat il-bastiment mingħand kumpannija li jisimha Dreter 2 Limited ("Dreter"), li dak iż-żmien kienet is-sid tal-bastiment; u li fit-18 ta' Jannar 2024 Degroma ittrasferit il-prezz miftiehem, fis-somma ta US$9,886,091.12. Tkompli tgħid li Dreter bdiet tevita 'sabiex tipprocedi bit-trasferiment' u li, fil-frattemp, biegħet il-bastiment lil kumpannija oħra, Goldfinch Shipping 2 Limited ("Goldfinch"). Dan l-akkwist, minn Goldfinch, kien iffinanzjat minn Kroll, dokumentat fi ftehim ta' self data 1 ta' Frar 2024 u ipoteka navali tat-9 ta' Frar 2024. Il-bejgħ ġie eventwalment finalizzat fil-21 ta' Frar 2024.

19. Ftit wara li l-bastiment inxtara minn Goldfinch, inħareġ mandat ta' arrest fuq il-bastiment fuq talba ta' Degroma. Ir-rikors relattiv tressaq u ntlaqa' fit-13 ta' Mejju 2024 u ngħad fih li l-proċeduri fil-mertu kienu tressqu quddiem il-*High Court* tal-Ingilterra, fejn il-pretensjoni hi, essenzjalment, għar-rifużjoni tal-prezz u għal danni.

20. Degroma issa ressqet talba oħra, din id-darba quddiem din il-qorti. F'rikors ġuramentat li tressaq fis-26 ta' Marzu 2025 kontra l-bastiment, Goldfinch u Kroll, jingħad li s-sidien aħħarija ta' Dreter u ta' Goldfinch huma l-istess, jew konnessi mill-viċin ħafna; li l-bejgħ bejn Dreter u Goldfinch sar b'qerq għaliex Goldfinch kienet taf li l-bastiment kien inbiegħ lil Degroma; u li għalhekk il-bejgħ bejn Dreter u Goldfinch ma jiswiex.

21. Degroma tkompli tgħid li l-preġudizzju li sofriet ġie aggravat għaliex il-bastiment tgħabba b'ipoteka navali favur Kroll, li tidlher 'li kienet konsapevoli mill-fatt li Dreter 2 Limited kienet ga dahlet fi ftehim ghal bejgh tal-bastiment' lil Degroma; u, għalhekk, Kroll rendiet ruħha kompliċi fil-qerq.

22. Degroma għalhekk talbet, in effett, dikjarazzjonijiet li l-bejgħ bejn Goldfinch u Dreter sar b'qerq u li ma jiswiex, u li Degroma għandha titolu u dritt ta' pussess fuq il-bastiment (u ordnijiet u dikjarazzjonijiet konsegwenzjali).

23. F'dawn il-proċeduri, Degroma iżżid li s-sidien aħħarija tal-Kumpratriċi huma l-istess sidien aħħarija ta' Goldfinch u ta' Dreter. Tgħid li jekk, bis-saħħa ta' dawn il-proċeduri, il-Kumpratriċi takkwista l-bastiment, il-qerq li kienu responsabbli għalih fil-konfront tagħha jkun wassal għar-riżultat li jridu huma, u dan bil-barka tal-qorti. Dan billi jkunu

effettivament reġgħu akkwisttaw il-bastiment mingħajr piżijiet; u l-prezz - li suppost jitħallas fl-interess tal-kredituri kollha - imur kollu għand Kroll, għaliex il-valur tal-ipoteka navali joqtol kull pretensjoni oħra.

24. Degroma issaħħaħ is-sottomissjonijiet tagħha b'referenza għad-deċiżjoni ta' din il-qorti, presjeduta mill-Imħallef (illum Prim Imħallef) Mark Chetcuti, fil-proċeduri fl-ismijiet *Malta Towage Limited v MV Irmak* (Rik 414/2014, deċ. 25 ta' Awwissu 2014). B'mod ġenerali l-qorti qalet hekk:

> Peress illi l-Qorti hafna drabi ... ghandha tistrieh fuq il-provi migjuba, dawn il-provi jridu jikkonvincu moralment u decisivament ... fil-kaz tal-bejgh privat jinkombi fuq il-kreditur ... mhux biss l-obbligu implicitu li jagixxi in buona fede izda li jagixxi bil-miftuh li ma jhalliex dubju ragonevoli f'mohh il-Qorti li l-bejgh privat qieghed b'xi mod ixejjen il-kors normali tal-gustizzja li mhux biss issir mal-kredituri u s-sidien tal-bastiment izda tidher li qed issir, u dan bil-beneplacitu tal-Qorti.

25. F'dak il-każ kien il-fatt li s-sid aħħari tal-kumpannija li kienet qed teżegwixxi u s-sid aħħari tal-kumpannija kumpratriċi kien l-istess individwu kien inżamm mistur mill-qorti. Dwar dan, il-qorti qalet hekk:

> Dan l-agir tas-socjeta rikorrenti iggieghel lil Qorti tiddubita mill-buona fede u t-trasparenza li tqis li huma doveri imposti fuq ir-rikorrenti fil-konfront tal-Qorti u jwasslu lil Qorti qkoll terga' tirrikonsidra aspetti ohra tal-vertenza bhal valutazzjonijiet infishom ...

26. U meta qieset dawn l-aspetti l-oħra, sabet li xejn ma kien sew.

27. Iżda f'dan il-każ, dak li tallega Degroma, tal-anqas fir-rigward ta' Kroll, ma jirriżultax. Kif rajna, Degroma tgħid li Kroll kienet taf li Dreter kellha ftehim biex tbiegħ il-bastiment lil Degroma meta ftehmet biex tiffinanzja x-xiri tal-bastiment minn Goldfinch. Ta' dan is-suppost għarfien, ma tressqet l-ebda prova. Mistoqsi dwar dan tul it-trattazzjoni, l-avukat ta' Degroma sostna li dan l-għarfien jew irriżulta mid-*due diligence* li għamlet Kroll qabel is-self, jew kellu jirriżulta jekk m'għamlitx *due diligence* (jew *due diligence* fil-fond). L-ewwel teżi hi, fl-assenza ta' prova, konġettura. It-tieni, jekk għandha mis-sewwa, twassal biss għall-konklużjoni li Kroll ħadet riskju kummerċjali meta m'għamlitx indaġini (jew indaġini fil-fond), liema riskju wassal biex Kroll spiċċat involuta f'din il-kontroversja. Imma dak in-nuqqas, jekk hu nuqqas, hu wieħed purament kummerċjali, tant li ma sar ebda suġġeriment li Kroll naqset minn xi obbligu legali li kellha. Għalhekk, ma jista' qatt iwassal għall-konklużjoni li Kroll kienet parteċipi f'xi qerq.

28. Lanqas ma jirriżulta, kif jgħidu kemm Degroma u ETC, li li s-sidien aħħarija tal-Kumpratriċi huma l-istess sidien aħħarija ta' Goldfinch, ħlief, forsi, għal parteċipazzjoni żgħira ta' ċertu George Mangos. Għalkemm jidhru xi konnessjonijiet bejniethom u għalkemm hemm indizji ta' xi forma ta' relazzjoni, diretta jew indiretta, il-qorti għandha nota ġuramentata tal-avukat Louis Cassar Pullicino (li apparti li hu l-avukat u l-mandatarju ta' Kroll, hu ukoll uffiċjal tal-qorti) li permezz tagħha kkonferma li s-sidien aħħarija tal-Kumpratriċi u ta' Goldfinch mhumiex (ħlief limitatament, kif ingħad) l-istess. Fuq il-bażi ta' din il-prova u, naturalment, għall-finijiet biss ta' dawn il-proċeduri, il-qorti tqis din l-allegazzjoni eskluża pożittivament.

29. Li m'għandhiex il-qorti hi informazzjoni dwar is-sidien aħħarija ta' Dreter, għaliex skont in-nota tal-avukat Cassar Pullicino, Kroll m'għandhiex relazzjoni jew kuntatt magħha. Imma minn dan in-nuqqas ta' informazzjoni, il-qorti ma tistax tislet il-konklużjoni li trid Degroma. Kull ma tista' tgħid hu, fir-rigward ta' Dreter, li dak allegat minn Degroma ma ġiex ippruvat.

30. Imwarrba, f'dawn il-proċeduri, t-teżi li l-Kumpratriċi, Goldfinch u Dreter huma tal-istess sidien aħħarija, il-qorti trid tqis jekk hemmx raġuni jew raġunijiet oħra għaliex il-bejgħ m'għandux jitqies fl-interess tal-kredituri kollha; f'dan il-każ, fl-interess ta' Degroma u ta' ETC.

31. L-argumenti li jibqgħu min-naħa ta' Degroma huma li jekk jinbiegħ il-bastiment hi mhux sejra tkun tista' teżegwixxi sentenza eventwali fil-kawża li ressqet fis-26 ta' Marzu 2025 b'mod li tkun tista' tieħu l-bastiment; u li, f'kull każ, id-dejn favur Kroll hu tali li jġib fix-xejn anki pretensjoni alternattiva fi flus. ETC tressaq argument simili dwar il-kreditu ta' Kroll u tgħid li l-effett ta' bejgħ ikun li titlef il-kawtela li għandha permess tal-mandat t'arrest.

32. L-ebda minn dawn l-argumenti ma hu tajjeb.

33. Dwar il-kwistjoni tal-eżegwibilità ta' sentenza eventwali, il-qorti tqis, fost konsiderazzjonijiet oħra, li (i) sentenza finali sejra tieħu ż-żmien biex tingħata u, għalhekk, ma jkun fl-interess ta' ħadd, anzi jkun kontra l-interess ta' kulħadd, li l-bastiment jitlef il-valur (u jinkorri iżjed spejjeż) sakemm il-każ jiġi deċiż; u (ii) Degroma damet iktar minn

sena biex tressaq il-każ, u għamlet hekk wara li ġa kienet ressqet każ ieħor li fih talbiet u premessi mhux faċilment rikonċiljabbli mal-każ li tressaq fis-26 ta' Marzu 2025.

34. Dwar il-kreditu ta' Kroll, il-qorti għandha quddiemha titolu eżekuttiv li mhux kontestat. Ma tistax tara kif jistgħu jitressqu, wisq anqas jitqiesu, argumenti kontrih fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri.

35. Fl-aħħar, dwar l-argument ta' ETC li, bil-bejgħ, sejra titlef il-kawtela tal-mandat ta' arrest, dak li qiegħda effettivament tgħid hu li sejra titlef il-*leverage* li kull mandat jagħti. Iżda miżura kawtelatorja, bħall-mandat in kwistjoni, mhix maħsuba għal dan il-għan, għalkemm ħafna drabi jkollu dan l-effett (kollaterali). Hi maħsuba biex, fejn meħtieġa, pretensjoni tiġi mqiegħda fiż-żgur, f'każ bħal dan fuq l-attiv relevanti, jew fuq ir-rikavat tiegħu. Jekk dak ir-rikavat mhux biżżejjed, dak hu riskju li kull kreditur jieħu.

36. Il-qorti fl-aħħar tqis li anki jekk kellu jirriżulta, fi proċeduri oħra, li hemm bażi għal dak li jallegaw Degroma u ETC, il-bejgħ tal-bastiment f'dan l-istadju, bi prezz ammess li hu raġonevoli, hu fl-interess (leġittimu) tagħhom.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tapprova l-bejgħ privat tal-bastiment M/V Jay 1 lill-Kumpratriċi għall-prezz ta' €16,380,000; u, għall-finijiet tal-art 362 - 364 tal-Kap. 12, il-qorti taħtar, skont it-tielet talba, lil Dr Larry Gauci.

Il-qorti mhix sejra tqis it-talbiet l-oħra billi l-konsegwenzi tal-approvazzjoni u tal-bejgħ huma mfissra fil-liġi.

Din id-deċiżjoni ngħatat *in camera.*

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur